# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 86, miżmumha nhar 18 ta’ Ottubru 2017, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta’ filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | Mtarfa LC | President |
| • Emvin Bartolo | Mellieħa LC | Membru |
| • Sando Azzopardi | Dingli LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Vici President |
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Member |
| • Graziella Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |
| • Keith Cassar | Mosta LC | Membru |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Giljan Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| • Charles Azzopardi | Rabat LC | Membru |
| • Mauro Miceli | Swieqi LC | Membru |
| • Dean Hili - | Pembroke LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

1. Ittri ta appoloġiji
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Rapporti
5. Korrispondenza;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Hwejjeġ oħra:
8. Aġġornament.

Il-Laqgħa nfetħet miċ-Chairman Anton Mifsud.

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lil membri tal-attendenza.

### 1. Qar ta' Appologiji

Is-Sinjuri Ġiljan Aquilina, Charles Azzopardi u Mauro Miceli u Dean Hili kienu skużati.

### 2. Qari u approvażżjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 85 ittiehdu bħala moqrija. Paul Vella ppropona li jkun approvati, Emvin Bartolo issekonda l-mozjoni. Il-membri qablu unaninament.

Is-Sur Keith Cassar saqsa rigward il-fondi mogħtija għat-tarmac. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-kunsilli lokali irċevew commitment letter maħduma mid-DLG fejn il-Kunsilli Lokali kienu qed jintrabtu li jagħmlu ix-xogħlijiet mar-Reġjun. Dawn ser jingħataw il-flus, wara li x-xogħol jitlesta u jkun ċertifikat u r-Reġjun ikun notifikat. Ix-xogħol għandu jsir mill-aktar fis possibli. Ser ikun qed isir xogħol biex joħroġ tender konġunt għall-użu tar-Rabat u Mosta.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 4 Komunikażżjoni mill-President

Il-President Anton Mifsud talab li għall-laqgħa li ġejja jkun hemm rapport ta’spejjes dovuti mill-LESA

Il-president ħabbar li kienet saret laqgħa mas-Sur Parnis fejn id-dipartiment kien għadda l-fondi ta’ ESC plan lir-Reġjun. Il-ftehim kien iffirmat f’Ottubru. Il-fondi issa ser jgħaddu lir-reġjun mid-dipartiment. Spjega wkoll li r-reġjun kien ha wkoll 120 elf Euro ta’ l-applikazjoni li kien issottometta għal Community Innovation Fund.

## 5. Rapporti

Emvin Bartolo ppropona u Keith Cassar issekonda li l-laqgħa titwaqqaf sabiex ikun diskuss ir-rapport finanzjarju ta’ tieni 3 xhur tas-sena. Il-membri qablu. Il-laqgħa twaqfet.

Samuel Camilleri spjega lill-membri l-andament finanżjarju tar-Reġjun.

Management Letter – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-Management report u l-ittra infasla bħala tweġiba flimkien ma’ Samuel Camilleri. Paul Vella ippropona li r-risposta tkun approvata,. Emvin Bartolo issekonda l-Mozjoni. Il-membri qablu mat-tweġiba mfasla u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv jibghat ir-risposta lin-NAO.

Street Light Tender
Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta r-rapport tal-Bord tal-Għażla maħtur biex jevalwa t-tender tad-dawl. Ir-rapport irrakomanda li k-kumpanija MICA MED tintagħżel biex tagħti is-servizz mitlub. Ann Marie Fenech Adami ipproponiet li r-rapport ikun approvat. Issekonda l-możjoni Peter Sant Manduca. Il-Membri qablu unaninament.

## Korrispondenża

Hatra ta’ Vici President.

Anton Mifsud qal li ma kienx daħlet l-ebda nominażjoni għall-Ħatra ta’ Vici-President. Għaldaqstant talab jekk hemm xi ħadd fost il-membri preżenti li xtaq jokkupa din il-kariga. Paul Vella qal li hu kien interessat u lest li jservi f’dan ir-rwoll. Anton Mifsud ippropona li Paul Vella jinħatar Vici presidnet. Keith Cassar issekonda il-możjoni. Il-membri kollha qablu ma’ din il-



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

proposta.

## 6. Approvażżjoni tal-Pagament

Is-Segretarju Eżekutiv preżenta l-iskeda tal-pagament numru 85. Il-Perit Graziella Galea ipproponit, u Emvin Bartolo issekonda li l-skeda tkun approvata. Il-membri qablu li l-iskeda tkun approvata.

Is-segretarju Eżekutiv preżenta l-iskeda tal-pagament numru 86. Anne Marie Fenech Adami ipproponit, u Graziella Galea issekondat li l-skeda tkun approvata. Il-membri qablu li l-iskeda tkun approvata.

Il-Membri qablu unanimaent li Skeda 79 tibqa mizmuma.

**Affarijiet ohra**

## Aġġornament.

Il-Laqgħa ntemmet fl-għaxra u nofs ta’ filgħaxija.

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fit-22 ta’ Novembru 2017, fis 19.30 hrs. .

| | |
|---|---|
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum 28 ta’ Novembru 2017



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt